# Community Justice Centres (CJC)

## Mediation at CJC: Maltese

**Servizzi tal-Medjazzjoni u ta' l-Immaniġġjar tal-Konflitt**

***Int trid tieħu sehem fis-soluzzjoni t'argumenti li jolqtuk?***

**X'jagħmlu ċ-Ċentri Komunitarji tal-Ġustizzja?**

Iċ-Ċentri Komunitarji tal-Ġustizzja (CJCs) jipprovdu servizzi ta' medjazzjoni u ta' l-immaniġġjar tal-konflitt biex jgħin li n-nies jirrisolvu l-argumenti tagħhom. Is-servizz tagħna hu **BLA ĦLAS,** konfidenzjali, volontarju, fil-ħin u faċli biex tużah.

**X'inhi l-Medjazzjoni?**

Il-Medjazzjoni tfisser li n-nies jiltaqgħu biex jiddiskutu problemi li ma jaqblux dwarhom.

Is-sessjonijiet tal-medjazzjoni fi CJCs huma organizzati minn żewġ medjaturi imparzjali u mħarrġa li jgħinu li n-nies jifhmu l-veduti ta' xulxin u jaħdmu flimkien biex jilħqu ftehim li jkun aċċettat minn kulħadd.

Il-medjaturi jimmaniġġjaw kif ser tkun organizzata s-sessjoni tal-medjazzjoni. In-nies li għandhom l-argument jiddeċiedu x'ser ikun diskuss u fuq x'hiex għandhom jiftehmu.

**Għalfejn tuża servizz tal-medjazzjoni?**

Il-medjazzjoni jipprovdi ambjent mingħajr periklu u informali fejn in-nies ikunu jistgħu jitkellmu ma' xulxin biex jirrisolvu l-problemi tagħhom. M'għandekx xejn x'titlef.

Iżjed minn 80% tal-medjazzjonijiet iwasslu għal ftehim. Dan jiġri għax in-nies jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom u b'hekk ikunu aktar impenjati lejn ir-riżultat.

Jekk il-ftehim ma jkunx jista'jintlaħaq, kien hemm opportunità biex ikunu iċċarati l-problemi u jifhmu l-veduti ta' xulxin.

**X'Jiġri matul il-medjazzjoni?**

Ir-rwol tal-medjaturi hu li jimmaniġġjaw u jiffaċilitaw id-diskussjoni biex in-nies ikunu jistgħu jaslu għas-soluzzjoni raġjonevoli dwar l-argument tagħhom.

Il-proċess ġeneralment jinvolvi dawn il-passi:

- Il-medjaturu u n-nies involuti jintroduċu ruħhom u l-medjaturi jispjegaw il-proċess u "r-regoli bażiċi" tal-medjazzjoni.
- Kull persuna imbagħad tispjega fuq fuq x'inhuma dawk l-affarijiet li qed jinkwetawha.
- Kull persuna tinstema' mingħajr indħil.
- Il-medjaturi jħajru u jiffaċilitaw id-diskussjoni bejn in-nies dwar il-problemi li huma jkunu identifikaw
- Il-medjaturi jaraw lil kull persuna privatament, waqt li l-persuna l-oħra jkollha l-ħin taħseb dwar l-għażliet tagħha.
- Imbagħad jerġgħu jinġiebu flimkien, u jkunu imħajra jinnegozjaw l-arranġamenti futuri.
- Jekk kulħadd jaqbel, l-Medjaturi jiktbu ftehim u jagħtu kopja lil kull persuna bħal rekord ta' dak li ġie deċiż.

Dipartiment ta' l-Avukat Ġenerali tal-Kuruna ta' NSW

**Ċentri Komunitarji tal-Ġustizzja.**

## Min huma l-Medjaturi?

Il-medjaturi ta' CJC jridu jgħaddu minn proċess rigoruż t'għażla u jtemmu kors ta' taħriġ komplut u komprensiv.

Huma akkreditati u jiġu mħallsa mill-Avukat Ġenerali tal-Kuruna (Attorney General) ta' NSW u jimmedjaw għan-nom ta' CJCs fuq bażi sessjonali.

Huma jżommu l-kapaċitajiet tagħhom permezz ta' assessjament kontinwu, superviżjoni u taħriġ fi ħdan l-organizzazzjoni.

## Liema argumenti jistgħu jkunu medjati?

Hemm firxa wiesgħa t'argumenti li jistgħu jkunu medjati inklużi:

- Ġirien-fences, siġar, distorbju, annimali domestiċi, tfal, aċċess, mużika
- Familji- koppji li qegħdin jisseparaw, familji estiżi, ġenituri u tfal, dawk li jieħdu ħsieb xi ħadd
- Negozju-mal-klijenti, kuntratturi, kwalità/pagament ta' xogħol li sar
- Affarijiet ċivili u dawk li jinvolvu klejmijiet żgħar
- Post tax-xogħol – relazzjonijiet u affarijiet mhux industrijali
- Bejn u fi ħdan il-komunitajiet – residenzjali , skola, soċjali, tan-negozju, servizz, ta' l-isport…

Jekk m'intix ċert, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-istaff.

## Kif nista' norganizza medjazzjoni?

Int tista' tikkuntattjana  direttament permezz tat-telefon, fax, ittra jew email.

L-istaff tagħna ser jisma' l-problemi tiegħek u ser jinformak immedjatament jekk nistgħux ngħinuk.

Jekk nistgħu ngħinuk, l-istaff tagħna ser jitolbok tagħrif dwarek, l-inkwiet tiegħek u l-persuna/persuni oħra involuti.

Imbagħad nikkuntattjaw il-persuna/persuni l-oħra u ninkuraġġuhom biex jieħdu sehem fis-sessjoni tal-medjazzjoni.

## Meta & fejn issir l-medjazzjoni?

M'hemm l-ebda lista ta' stennija. Is-sessjonijiet tal-medjazzjoni jsiru f'ħinijiet li jgħoddu għal kulħadd u jinżammu fl-uffiċċju reġjonali tagħna jew f'post viċin tiegħek.

Sessjoni tal-medjazzjoni tieħu bejn 2 & 4 sigħat għalhekk jekk jogħġbok kun żgur li jkollok biżżejjed ħin meta tattendi s-sessjoni.

## Għandek bżonn interpretu jew għandek bżonnijiet speċjali?

Jekk jogħġbok għarrafna jekk għandek bżonn l-għajnuna biex tuża dan is-servizz tagħna.

Jekk għandek bżonn interpretu, jekk jogħġbok ċempel **131 450** u itlob l-interpretu jikkuntattja ċ-Ċentru Komunitarju tal-Ġustizzja fiż-żona tiegħek. It-traduzzjoni ta' dan il-fuljett jistgħu jinkisbu fil-lingwi li ġejjin:

Arbi, Bożnijan, Ċiniż, Kroazjan, Filipino, Ġermaniż, Grieg, Taljan, Khmer, Korejan, Laotian, Maċedonjan, Malti, Pollak,Portugiż, Russu, Serbjan Spanjol, Tork, Vjetnamiż.

It-traduzzjonijiet jistgħu jinkisbu wkoll mis-sit tal-web tagħna fuq: www.cjc.justice.nsw.gov.au